*Tagħrif miġbur minn Keith Muscat*

# Id-Difiża tal-Bajja ta' San Pawl fl-1800

Il-perjodu ta' bejn l-1798 u l-1800 kien wieħed turbolenti għall-gżejjer Maltin u dan għaliex, kif jikteb tant tajjeb Ġużè Aquilina fin-novella popolari tiegħu, Malta għaddiet minn Taħt Tlett Saltniet. Sa Ġunju 1798 Malta kienet taħt il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, immexxi mill-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch. Ġara li fid-9 ta' Ġunju l-flotta Franċiża immexxija mill-Ġeneral Napuljun Bonaparte, fi triqtha lejn l-Eġittu, ankrat il-barra mill-Port il-Kbir u intalab permess sabiex jidħlu biex jieħdu l-ilma. Fil-verità il-waqa' tal-Ordni kienet ilha tinħema u dan kien pjan sabiex il-Franċiżi jokkupaw Malta. Saħansitra kien hemm Kavallieri Franċiżi u Maltin imdaħħlin f'dan il-kumplott. Il-Gran Mastru ma' laqax it-talba ta' Napuljun, taħt il-pretest li peress li Malta kienet newtrali ma' setgħux jitħallew aktar minn żewġ xwieni ta' qawwa barranijja, fil-Port il-Kbir, b'mod simultanju. Il-Franċiżi derilhom li dan kien affront u l-Ġeneral Bonaparte għamar li Malta tiġi okkupata. Fil-11 ta' Ġunju 1798, eluf ta' suldati Franċiżi mmexxijja mill-Ġeneral Louis Baraguey d'Hillers u l-Ġeneral Claude-Henri Belgrand de Vabois, niżlu l-art. Ir-reżistenza tal-Kavallieri u l-Maltin damet biss 24 siegħa, sakemm ġiet iffirmata l-kapitulazzjoni u Malta għaddiet f'idejn Franza.

Napuljun fil-ftit ġranet li għamel Malta għamel rivoluzzjoni sħiħa. Inħatar il-Kunsill tal-Gvern u Malta ġiet maqsuma f'Kunsilli. Minkejja l-libertajiet kollha li ġew mgħotija u l-għajta ta' Ugwaljanza, Libertà u Fratellanza, il-Franċiżi ma' naqsux li jirfsu xi kallijiet u messew l-aktar ħaġa għażiża għall-Maltin, jiġifieri ir-reliġjon. Hemm min hu tal-opinjoni li r-reliġjon intużat bħala pretest minn min mar ħażin fin-negozju u spiċċa qajjem lill-Maltin, tal-kampanja, kontra l-Franċiżi għall-iskopijiet tiegħu. Kienet x'kienet ir-raġuni, il-Maltin qamu

*ikompli f'paġna 115*



*It-Torri San Pawl*



*Ir-Ritdott tad-Dellijja li nħatt biex twessgħet it-triq*

kontra l-ħakkiema tagħhom u rnexxielhom isakkruhom wara s-swar tal-Belt Valletta u l-Kottonera. L-istess swar li nbnew biex jiddefendu l-Maltin, issa kienu qed jintużaw kontrihom. Il-Maltin mill-ewwel għarfu li waħedhom ma' setgħux ivinċu u għalhekk għamlu talba lil Viċi Re ta' Sqallija. Dan minn naħa tiegħu talab sabiex il-qawwa Navali Ingliża tintervjeni. Kienu fil-fatt il-Portugiżi li waslu l-ewwel u taw l-ewwel għajnuna imma dan qajla jissemma. L-Ingliżi bdew jaslu f'Malta fl-1799 u l-port ta' San Pawl il-Baħar, minħabba li kien distanti mill-Belt Valletta u l-Kottonera, lagħab parti mportanti biex jitniżlu t-truppi f'dawn l-inħawwi. Fil-fatt nhar l-10 ta' Diċembru 1799, it-30th *Cambridgeshire Regiment*, magħmul minn 32 uffiċċjal, 37 surġent, 409 suldat, akkumpanjati minn 20 mara u 15 tfal, waslu Malta minn Messina fuq l-HMS Culluden. It-truppi żbarkaw f'San Pawl il-Baħar u mmarċjaw lejn Birkirkara fejn ingħaqdu mall-kumpanijji Maltin. Eżempju ieħor kien meta fl-4 ta' Lulju 1800 l-HMS Stately u l-HMS Niger daħlu fil-port ta' San Pawl il-Baħar u żbarkaw truppi mill-1 u l-35th *Dorsetshire Regiment*, li mmarċjaw lejn in-Naxxar biex issieħbu mal-Maltin immexxijja mill-Konti Paolo Parisio Muscati. L-imblokk tal-Franċiżi ġie fi tmienu nhar l-4 ta' Settembru 1800 meta' uffiċċjalment il-Franċiżi ċedew il-gzejjer Maltin f'idejn l-Ingliżi. Sfortunatament ħadd mill-Maltin ma' ġie inkluż fil-laqgħat uffiċċjali u l-kapitulazzjoni ġie iffirmata mill-Ġeneral Pigot u l-Kaptan Martin minn naħa tal-Ingliżi u Vabois u Villeneuve minn naħa tal-Franċiżi.

L-Ingliżi malajr għarfu l-importanza strateġika ta' Malta u kif il-portijiet tagħha setgħu jaqdu lill-Imperu Brittaniku. L-Ingliżi ma' l-ewwel daqqa t'għajn kienu mpressjonati bis-swar u l-fortifikazzjonijiet li kellha Malta, pero meta' bdew jidħlu fil-fond u jistudjaw sew is-sitwazzjoni sabu li li kien hemm problemi strutturali kbar fejn jidħol il-manteniment tas-swar u riedu jsiru wkoll xi modifiki sabiex dawn il-fortifikazzjonijiet jiġu par passu mal-ħtiġijiet militari ta' dawk iż-żminijiet. Biċċa nkwiet oħra kienet li ħafna mill-armamenti u l-kanuni kien għadda żmienhom u apparti minn hekk dawn trid min ikun jaf iħaddimhom sew.

B'xorti tajba ħafna minn dawn ir-rapporti għadhom jeżistu fil-Public Records Office ta' Londra, kif ukoll f'xi arkivji ta' Riġmenti varji. L-ewwel rapporti tekniċi fuq il-fortifikazzjonijiet bdew isiru mir-*Royal*

*ikompli f'paġna 117*

*Engineers* immexxija mill-Kaptan Gordon. Ta' nteress partikulari għalina kien ir-rapport li ħejja il-Maġġur William McKerras, li beda jmexxi r-Royal Engineers f'Malta wara l-Kaptan Gordon. Fil-21 ta' Novembru 1800 huwa għamel spezzjoni ta' uħud mill-fortifikazzjonijiet li kien hemm fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar. Fl-24 ta' Novembru 1800 huwa ħareġ rapport li fih ikkummenta kif ġej:

*3 Defences of St. Paul's Bay. 21 November 1800*
*Malta, 24th November 1800*

*Minutes by Major McKerras.*
*Commanding Royal Engineers on the Present, and Proposed Defences of St. Pauls Bay (Cala S. Paolo)*

***No. 1. Tower of St. Paul***
*A square tower with a platform in its front at the foot –*
*One 8 pounder [unserviceable ?] on the top*
*Parapets in bad repair –*
*Eight Gunners originally kept here, at present only two*
*A well and cooking place within the tower –*
*A store room under the floor –*
*An expence magazine*

***No.2 Tal Pialis.***
*A platform with a ditch infort. Enclosed by a building now in ruins –*
*Appraising now unnecessary to be occupied*
*It formally had four guns*
*A tower inland called Tora Rosa bearing about West by South, distant three miles*

***No. 3. Same name as No 2. Formerly of 8th pounder, now unnecessary.***

***No. 4. Trinciera tal-Mistra.***
*3 8 pounder [unser.re].*
*Capable of containing 8 guns*
*The north semi-circular flank to be altered into a straight one. (so as to be enfiladed by the tower No 1)*
*With three 24 pounder presented towards the entrance of the harbour. Might be highly advantageous to the security of this bay –*
*Enclosed by two buildings in good order.*

Fuq it-Torri San Pawl, mibni fl-1610 mill-Gran Mastru Alof de Wigniacourt, il-Maġġur McKerras ikkummenta li dan it-torri kellu forma kwadra b'batterija quddiemu. Kien mgħammar minn kanun 8 punder li ma' setax jintuża aktar. Il-parapetti kellhom ħsarat konsiderevoli u minn tminn Gunners li suppost kienu jkunu għassa, kien hemm tnejn biss. It-torri kien mgħammar b'bir u kċina. Kien hemm ukoll maħżen fil-parti ta' isfel.

It-tieni sit li żar kien il-Pwales, li hu jsejjaħlu Tal Pialis. Hawn hu żar ir-ridotti li kien hemm, li wieħed minnhom biss għadu jeżisti, għax l-ieħor inħatt biex twesset it-triq principali li

*ikompli f'paġna 119*



3. Defences of St. Paul's Bay 21 Nov 1800

Malta 24th Nov. 1800

Minutes by Major McKerras Commd Royal Engineer on the Present, and Proposed Defences of St. Pauls Bay (Cala S. Paolo)

No 1. Tower of St. Paul – A square Tower with a Platform in its front at the foot – One 8 pr. unmountd on the Tower – Parapets in bad repair – Eight Gunners originally kept here at present only two – A well and cooking place within the Tower – A Store room under the floor – An excellent Magazine –

No 2. Tal Kalis – A Platform

ROPERTY OF
HEN C SPITERI

*Kopja parti mir-rapport oriġinali. Kortesija ta' Dr Stephen C Spiteri*

minn San Pawl tgħaddi għax-Xemxija. Huwa jsemmi kif dawn kienu jinsabu xi tlett mili l-bogħod mit-Torri l-Aħmar (Tora Rosa) fil-Mellieħa. Kienu jinsabu fi stat ħażin u l-kanuni tagħhom ukoll kien għadda żmienhom.

Huwa żar ukoll it-Trinċiera tal-Mistra u għamel xi suġġerimenti ta' kif din setgħet tiġi mmodifikata. Kienet għada fi stat aktar aċċettabli u setgħet tiġi mgħammra biex isservi ta' difiża għall-bajja.

L-istorja nafu lkoll kif tkompli. Malta baqgħaet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku sal-kisba tal-Indipendenza 1964 u l-qawwiet Ingliżi baqgħu jużaw lill-Malta bħala bażi sal-1979. Inkitbu ħafna kotba fuq il-preżenza tal-Ingliżi f'Malta u baqa' ħafna aktar x'jinkiteb. Hawn tajt biss ħarsa lejn dak li kellu jkun il-bidu tal-interventi li saru fi żmien l-Ingliżi fuq uħud mill-fortifikazzjonijiet li jdawwru San Pawl il-Baħar.

Nirringrazzja lil Dr Stephen C. Spiteri talli għamilni konxju minn dan id-dokument u tal-għajnuna tiegħu waqt li kont qed inwettaq ir-riċerka għal dan l-artiklu.

**Riferenzi**


- *https://en.wikipedia.org/wiki/Siege_of_Malta_(1798%E2%80%931800)*
- *British Fortification and Defence of Malta 1800 – 1960 – A. Sammut-TagliaferroReport on the Defences of St. Paul's Bay. Major McKerras.*